FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

BHALA QORTI TA’ GUDIKATURA KRIMINALI

A.MICALLEF TRIGONA LL.D., MAG.JUR (EU LAW)

ILLUM 20 TA’ OTTUBRU 2015

Il-Pulizija

Spettur Kenneth Haber

vs

Rose Marie Lois Ann Sonia Emmanuela Natasha Pace

I1-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputata ta' karta ta' identita' numru 23987m, akkuzata talli fis- 26 ta’ Mejju 2013 ghal habta tal-ghaxra ta' bil-lejl gewwa Triq San Girgor, Zejtun:

1. ikkagunat griehi ta' natura gravi fuq Holger Saliba [l.D 324877m) fil-kapacita tieghu bhala Operations Manager u dan skond kif iccertifikat mit-tabib Jeffrey Bonnici Reg.Med 3214 mill-Isptar Mater Dei;
2. fl-istess data, hin u lok attakkat jew ghamlet resistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta ohra li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku u cioe' Holger Saliba (tD324877m) fil-kapacita' tieghu bhala Operations Manager u Andrew Barberi [ic-D 548883m) fil-kapacita' tieghu bhala Senior Therapeutic Worker gewwa I-Kids in Development (Richmond Foundation) Zejtun fil-waqt li kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond il-ligi mill-Awtorita' kompetenti;
3. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ingurjat jew heddidt jew ghamlet offiza fuq ta' Holger Saliba [I.D 324877) fil-kapacita' tieghu bhala Operations Manager u Andrew Barberi [l.D 548883m) fil-kapacita' tieghu ta' Senior Therapeutic Worker gewwa il- 'Kids in Development (Richmod Foundation) Zejtun, persuni inkarigati skod il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kienu qed jaghmli jew minhabba li kienu qed jaghmlu dan is-servizz jew bil-hsieb li tezza jew li tinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl- esekuzzjoni ta’ dak is-servizz;
4. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament kisret il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku b'ghajjat u glied;
5. kisret diversi kondizzjonijiet impost fuqha mill-istess Qorti meta nhar il-5 ta' Ottubru, 2011, inghatat sentenza ta' sentejn prigunerija sospizi ghal erba' snin mill-Magistrat Dr. Edwina Grima LL.D;
6. rrendiet ruhha recidiva ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li nstabet hatja b'diversi sentenzi tal-Qrati ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu;

Il-Qorti mitluba, bl-iskop li tipprovdi ghas-sigurta tal-persuna/i offlzi, cioe' lil Holger Saliba (I.D. 324877m) u Andrew Barberi (I.D. 548883m jew ghaz-zamma tal-ordni pubblika jew ghall-iskop tal-protezzjoni tal-persuna/i lezi minn fastidju jew imgieba ohra li tikkaguna biza' ta' vjolenza, tohrog ordni ta' protezzjoni kontra l-imputata skond kif jipprovdi l-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota tal-Avukat Generali sabiex il-kawza ssir sommarjament, mhux opposta;

Semghet ix-xhieda:

Rat l-atti u d-dokumenti kollha:

Ikkonsidrat:

Illi l-artikoli tal-ligi li bihom l-imputata qeghdha tigi akkuzata huma f'ordni kronologiku kif riportat fic-citazzjoni:

l'Artikolu 216 u/jew flimkien ma' l-Artikolu 218 tal-Kap 9;
l'Artikolu 96 u 95 idem;
l'Artikolu 338(dd) idem;
l'Artikolu 28 et seq idem;
l'Artikolu 49 u 50 idem;
Intant, il-fattispecje tal-kaz huma li l-imputata fiz-zmien l-allegati reati kellha tnejn minn uliedha, tifel ta' disa snin u tifla ta' 11 il-sena, fil-kustodja ta' istitut fi hdan ir-Richmond Foundation, ta' Triq San Girgor, Zejtun. Fil-gurnata tas-26 ta' Mejju 2013 dawn it-tfal flimkien ma' tifla ohra tal-istess eta' hargu mill-istitut wahedom u minghajr hadd ma' jaf. Rigward ulied l-imputata huma kienu kolpiti b"'care order". Dwar l-'harba' tat-tfal kienet giet infurmata l-omm li minnufih flimkien mas-sieheb taghha u tifel iehor taghha harget tfixxthom u eventwalment sabithom il-bandli tal-Birgu, Issa, l-imputazzjonijiet kontra l-imputata huma konnessi mal- incident li sehh meta t-tfal gew minnha riakkompanjati l-istitut. Kienu circa l-ghaxra ta' bil-Iejl tal-istess gurnata u inserta li l-parti leza flimkien ma' persuna ohra kienu fejn il-grada ta' barra. L-imputata, fl-istqarrija taghha, li hi l-unika versjoni li hemm taghha stante li ghazlet li ma tixhidt, tghid li hu (b'riferenza ghall-kwerelant) "beda jghajjat kemm jiflah mieghi u mat-tfal u jsaqsini fejn sibthom u ghax harbu u hafna affarjiet hekk. Meta ra hekk, it-tifel haseb li kien qed jghajjat mieghi u forsi xejjirlu xi daqqa u 'l-care worker' imbotta lit-tifel, kissirlu n-nuccjali u tajjarlu l-karkur minn saqajh. Meta rajt hekk jiena imbuttajt lil dan il-'care worker' u ghidtlu li ma kellu ebda dritt isawwat it-tifel. Il-'care worker' waqa mal-art u jiena qbadt lit-tlett itfal u gejt l-ghassa naghmel rapport". Il-parti leza xehedet. Stqarr li huwa 'manager' tal- fondazzjoni. Dwar I-incident qal li waqt li nserta kien hiereg mill-istitut , kienet waslet l-imputata maz-zewg uliedha. Bdiet tinsultah, tghajjru u tavzah li t-tfal ma jmisshomx. Kienet aggressiva u kellha riha ta' xorb f'nifistha. Anka qal, li allegat, li hu jsawwat lit-tfal.

Kompla jghid li meta rrejagixxa kif it-tltel minuri kien hataflu in-nuccali minn idu, spjega li dan fis-sens li ghamel mossa biex jiedu Iura, jghid fi kliemu, li hawnhekk "l-imputata hasbet Ii kont ser insawwat lit-tifel". Bdiet ixxejjer daqqjiet, konsegentement hu resaq Iura, sab targa waqa', habat rasu u ntilef minn sensih. lx-xhieda tal-kollega tieghu li kien mieghu ma zzid xejn sostanzjali dwar l-akkadut u lanqas imkien fl-atti din ix-xhieda tinsab mitiefsa. Fuq kollox hi sostanzjalment, anka jekk generikament, ikkonfermata mill-imputata.

Ikkonsidrat:

Illi mkien fl-atti m'hemm xhieda li tikkwalifika lill-parti leza bhala ufficjal pubbliku. Il-fatt biss li huwa amministratur ta' fondazzioni 'per se' ma jaghtihx il-vesti ta' ufficjal pubbliku,

Dwar il-griehi xehed it-tabib li stqarr li kienu fir-regun tal-wicc bi ksur ta' l-ghadma ta' madwar l-ghajnejn, visibbli wkoll ftit likwidu bejn l-ghajn u x-xedaq, Sinifikattiv huwa r- ritratt a folio 33.

Altrimenti, jirrisultaw l-ahhar zewg akkuzi dwar ksur ta' sentenza sospiza u r-recidiva.

Ikkonsidrat:

Illi qabel ma tghaddi ghal parti decizjonali tas-sentenza l-Qorti tirreferi ghal nota tal- imputata li tinsab inserita a fo1. 96 biex tiehu minnha I-fatt li kollox ma kollox hawn si tratta minn omm li giet privata minn ulieda u li dak li gara f'dan l-incident certament ma gabitux u ma riditux hi. Tara u taqbel il-Qorti f'dak li qalet f'din in-nota li aggixxiet veru b'xi ftit zelu zejjed izda dejjem bhala omm.

Taqta' u tiddecidi ghalhekk li ssib u tiddikjara l-imputata hatja tal-ewwel, l-hames u s-sitt akkuza. Rat l-Artikolu 216(1)(b), 28A, 49,50 u 17(b) tal-Kap 9. Tapplika kontra taghha l-Artikolu 22 tal-Kap 446 ghal sitt xhur mill-lum, u ghar-rigward is-sentenza sospiza rat I-Artikolu 28B tal-Kap 9 u bis-sahha tas-subartikolu (2) sub-inciz (a) qeghdha tastjenti milli taghmel ordni bis-sahha tas-subartikiolu (1) tac-citat artikolu tant li l-perjodu operattiv jibqa fis-sehh.

Il-Qorti spiegat lill-imputata r-responsabiltajiet taghha skond is-sentenza.

A.M.Trigona

Magistrat